MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 936/2014LM

**Emanuel Attard (ID 451160M)**
**u martu Natalia Attard Negryeyeva (ID 79218A)**

***vs.***

**Gavin Sammut Alessi (ID 563660M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem S.A. Services; Joseph Penza (ID 449383M) eżerċenti fil-kummerċ taħt l-isem CIL Services; James Buhagiar (ID 302477M) eżerċenti fil-kummerċ taħt l-isem CIL Services; Joseph Mohnani (ID 58947M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-27 ta' Ottubru, 2014 mill-atturi **Emanuel Attard** (ID 451160M) u martu **Natalia Attard Negryeyeva** (ID 79218A) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Emanuel Attard stess li jgħid kif ġej:

1. *Illi fl-1 ta' Mejju tas-sena 2014 waqt li l-intimati Joseph Penza u James Buhagiar, li ġew imqabbdin mill-intimat Gavin Sammut Alessi, kienu qegħdin jeżegwixxu*

*xogħlijiet fil-fond 'Mariage', fi Triq Żakkarija, il-Belt proprjetà tal-intimat Joseph Mohnani, liema xogħlijiet kienu jikkonsistu fit-tneħħija ta' air-conditioning cassette unit, seħħ inċident fejn l-imsemmi cassette unit waqa' fuq l-iscaffolding fejn kien qiegħed bilwieqfa l-esponent, b'konsegwenza illi t-tavluna inqasmet u l-esponenti ttajjar minn fuq l-istess scaffolding;*

2. *Illi dan l-inċident seħħ biss minħabba negliġenza tal-intimati kollha jew min minnhom li fl-ewwel lok ma kellhomx l-apparat neċessarju sabiex jiżguraw illi x-xogħlijiet li kienu qegħdin jiġu eżegwiti kienu konformi mal-liġijiet tas-sigurtà fuq il-lant tax-xogħol, kif ukoll seħħ minħabba imperizja, negliġenza u traskuraġni fil-mod kif kien qiegħed jiġi eżegwit tali xogħol ta' tneħħija ta' air-conditioning cassette unit, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

3. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident l-esponenti sofra ġrieħi ta' natura gravi, liema ġrieħi ġew iċċertifikati fi Grade 4, ossia l-ogħla livell ta' ġrieħi. Illi b'konsegwenza ta' dan l-esponenti sofra diżabilità permanenti u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi inoltre l-esponenti li joffri servizzi ta' maintenance huwa fil-preżent inibit milli jkompli jagħti s-servizzi minnu reżi, u dan biss minħabba l-ġrieħi illi huwa sofra. Illi għalhekk l-esponenti spiċċa mingħajr introjtu, għajr somma miżera li huwa jirċievi f'servizzi soċjali ta' circa €140 fil-ġimgħa, liema bidla drastika fil-finanzi tiegħu toħroġ b'mod ċar mill-kopji tal-FS3s għas-snin 2010 sal-2014 hawn annessi u mmarkati Dok. A sa E;*

5. *Illi effettivament minħabba l-ġrieħi permanenti illi huwa għandu, huwa b'kull probabbilità mhuwiex ser ikun f'pożizzjoni illi jkompli jaħdem xogħol manwali ġia la darba huwa ġie infurmat mit-Tobba tiegħu illi ma jistax jerfa' piż, ma jistax jitla' slielem u ma jistax jagħmel diversi atti oħra anċillari max-xogħol ta' maintenance u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

6. *Illi apparti minn hekk l-esponenti għamel ukoll diversi spejjeż minħabba l-inċident in kwisjtoni liema spejjeż jammontaw għal €175.37 u dan skont l-irċevuti u ċ-ċertifikati hawn annessi u mmarkati Dok. F sa R;*

7. *Illi minkejja illi l-intimati ġew interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti inkluż l-ispedizzjoni ta' ittra uffiċjali tal-1 ta' Settembru, 2014 huma xorta waħda baqgħu inadempjenti u għaldaqstant l-esponenti ma kellu ebda triq oħra għajr li jiftaħ dawn il-proċeduri.*

8. *Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment u qiegħed jikkonfermahom bil-ġurament tiegħu.*

*Għaldaqstant l-esponent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna, taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

1. *Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom kienu responsabbli għall-inċident li seħħ fl-1 ta' Mejju, 2014 fil-fond 'Mariage', 39, Triq Żakkarija, il-Belt u konsegwentement Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni kkaġunati lill-esponenti;*

2. *Tiddikjara illi l-esponenti sofra diżabilità permanenti b'konsegwenza tal-inċident tal-1 ta' Mejju, 2014 u tistabbilixxi l-persentaġġ ta' diżabilità permanenti sofferta, bl-għajnuna ta' Espert mediku appuntat minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Tillikwida l-ammont ta' danni dovuti lill-esponenti, liema ammont għandu jinkludi l-lucrum cessans, id-damnum emergens, kumpens għad-diżabilita permanenti sofferta mill-esponenti kif ukoll kull dannu ieħor permess mil-liġi;*

4. *Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lill-esponenti dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Settembru, 2014 kontra l-intimati li minn issa qegħdin jiġu inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Joseph Penza** u **James Buhagiar, eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem CIL Services**, (ID numru 449383M) u (ID 302477M) rispettivament (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti Penza u Buhagiar"), li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Novembru, 2014 u maħlufa minn James Buhagiar stess, li biha eċċepew:

1. *Illi ż-żewġ esponenti mhumiex il-leġittimi kontradditturi, għal-lanjanzi tar-rikorrenti;*

2. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, in kwantu l-esponenti ma jaħtux għall-inċident mertu tal-kawża, u ma jġorrux responsabbilità għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent;*

3. *Illi bla ħsara għas-suespost, jekk ir-rikorrent sofra xi danni, kien huwa stess li kkaġunahom, kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

4. *Illi bla ħsara wkoll għas-suespost, jispetta lir-rikorrent li jġib prova li fil-fatt sofra dannu, l-entità tad-dannu li sofra u l-kawża prossima ta' tali dannu.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri, u bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Joseph Mohnani** (ID 58947M), (minn issa 'l quddiem magħruf bħala "il-konvenut Mohnani"), li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Novembru, 2014, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi fl-ewwel lok u inkwantu diretti kontra l-esponent, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi l-istess esponent ma jaħti bl-ebda mod għall-inċident de quo u dan għar-raġunijiet li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
2. *Illi fit-tieni lok, għandu jiġi rilevat illi l-esponent kien merament proprjetarju tal-fond fejn kienu qed jiġu esegwiti x-xogħlijiet mill-intimati l-oħra kif ukoll mir-rikorrent Emanuel Attard, fost oħrajn, b'appalt minnhom provdut, u mingħajr ebda involviment tal-istess esponent;*
3. *Illi għalhekk, in vista tal-premess, ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-entità tad-danni pretiżi mir-rikorrenti huwa kontestat. Għaldaqstant, ir-rikorrenti għandhom iġibu l-aħjar prova tad-danni skont il-liġi;*
4. *Salv eċċezzjonijiet oħra permessi fil-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Gavin Sammut Alessi eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem S.A. Services** (ID 563660M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut Sammut Alessi"), li ġiet ippreżentata fit-22 ta' Jannar, 2015, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament qed jiġi rilevat illi n-numru tal-karta tal-identità tal-intimati Joseph Penza u James Buhagiar ġew indikati bl-istess numri;*
2. *Illi preliminarjament l-intimat jeċċepixxi n-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnu u bejn ir-rikorrenti u dana peress illi l-istess intimat qatt ma ngaġġa s-servizzi tar-*

*rikorrent jew tah xi ordnijiet biex iwettaq xi servizz fil-fond 'Mariage', 39, Triq Zakkarija, Valletta;*

3. *Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat jirrileva illi hu mhuwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża u dana peress illi huwa qatt ma ngaġġa s-servizzi tar-rikorrenti jew tah xi ordnijiet biex iwettaq xi servizzi fil-fond 'Mariage', 39, Triq Zakkarija, Valletta;*
4. *Illi subordinatament fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent bl-ebda mod ma jista' jinstab legalment responsabbli għal dan l-inċident u għad-danni konsegwenzjali pretiżi mir-rikorrenti u dana peress illi dan ix-xogħol twettaq minn sub-kuntratturi u l-apparat ma kienx tiegħu jew ipprovdut minnu u lanqas ma kien ikkuntrattat biex jipprovdi xi apparat ta' scaffolding, anzi jirriżulta illi dan l-apparat kien ipprovdut mir-rikorrent stess li assigura lis-sub-kuntratturi li kien jiflaħ sew u kien idoneju għal dan ix-xogħol;*
5. *Illi se mai kien jinkombi fuq terzi sabiex jipprovdu 'a safe place of work' skont il-liġi u mhux fuq l-intimat Sammut Alessi;*
6. *Illi minkejja dan, jidher illi effettivament dan l-inċident seħħ minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tar-rikorrent stess ukoll għaliex lanqas ma kellu jkun preżenti jew jaħdem fuq tneħħija jew tqegħid ta' apparat ta' arja kundizzjonata kif se jiġi ppruvat f'din il-kawża;*
7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandu jipprova kwalunkwe diżabilità permanenti li huwa ġarrab direttament b'kawża tal-inċident de quo flimkien mad-danni li qed jippretendi b'konsegwenza tal-istess;*
8. *Salv linji difensjonali ulterjuri skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Novembru 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna ġiet istitwita mill-attur Emanuel Attard wara inċident li seħħ fuq lant tax-xogħol fejn hu kien qiegħed jippresta servizzi ta' manutenzjoni wara li tqabbad għal dan l-iskop mis-sid tal-post, il-konvenut Mohnani. Ix-xogħol li kellu jippresta l-attur kien jinvolvi fost oħrajn it-tneħħija ta' parti mis-suffitt fil-ħanut ta' Mohnani bl-isem ta' 'Mariage', fi Triq Żakkarija, il-Belt, u dan sabiex ikun jista' jinbidel l-*air-conditioning unit* li kellu l-ħsara, ma' wieħed ġdid li l-konvenut Mohnani kien xtara mingħand il-konvenut Sammut Alessi. Min-naħa tiegħu l-konvenut Sammut Alessi kien ta sub-appalt lill-konvenuti Penza u Buhagiar sabiex jagħmlu x-xogħol ta' tneħħija tal-*unit* l-antik u jieħdu ħsieb jinstallaw il-*unit* il-ġdid. L-attur jgħid li meta mar biex jaħdem fil-ħanut ta' Mohnani fl-1 ta' Mejju, 2014, ftit tal-ħin wara waslu fuq is-sit il-konvenuti Penza u Buhagiar sabiex jagħmlu x-xogħol tagħhom, imma skont l-attur dawn ma kellhomx l-apparat u l-għodda meħtieġa sabiex setgħu jaqilgħu *unit* tad-daqs li kien hemm fuq il-post. Kien minħabba f'hekk li l-konvenuti Penza u Buhagiar ħtiġilhom jagħmlu użu minn *scaffolding* li l-attur kien rama fuq il-post, u dan kemm sabiex ikunu jistgħu jaqilgħu l-*unit* l-antik minn postu, kif ukoll sabiex ikunu jistgħu jinstallaw il-*unit* il-ġdid. L-attur allega wkoll li hu

ntalab jassisti lil Penza u lil Buhagiar waqt il-qlugħ tal-*unit* u hekk kif il-partijiet kienu qegħdin fuq l-*iscaffolding,* il-*unit* tal-*air condition* waqgħalhom minħabba l-mod negliġenti li bih bdew jaħdmu l-konvenuti Penza u Buhagiar, u dan kisser it-tavluna u tlieta min-nies li kienu qegħdin fuqha dak il-ħin waqgħu għal isfel, fosthom l-attur li kien l-aktar wieħed midrub fost it-tlieta li waqgħu. L-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni sabiex jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni sofferti minnu, u li minħabba fihom hu għadu jsofri minn diżabilità permanenti, kif ukoll sabiex il-Qorti tillikwida tali danni u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, skont min minnhom jinstab li hu responsabbli, għall-ħlas tad-danni.

Il-konvenuti Penza u Buhagiar eċċepew li huma mhumiex leġittimi kontradittturi f'dawn il-proċeduri, u li huma m'għandhom ebda responsabbilità għall-inċident mertu tal-kawża, tant li kien l-attur stess li kkaġuna d-danni fuqu nnifsu.

Il-konvenut Mohnani eċċepixxa li bħala sid tal-proprjetà hu ta appalt lil numru ta' kuntratturi sabiex jagħmlulu x-xogħol meħtieġ fil-fond, u għalhekk hu mhux responsabbli għal dak li seħħ.

Anki l-konvenut Sammut Alessi eċċepixxa li hu mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri stante li m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u l-attur, peress li hu qatt ma ingaġġja lill-attur jew tah ordnijiet biex iwettaq xi servizzi fil-fond fejn seħħ l-inċident inkwistjoni. Dan il-konvenut eċċepixxa li hu m'għandu l-ebda responsabbilità legali x'iġorr minħabba li x-xogħol twettaq minn sub-kuntratturi mqabbda minnu, filwaqt li l-apparat li kien qiegħed jintuża meta seħħ l-inċident ma kienx tiegħu jew ipprovdut minnu.

## **Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors promutur l-attur ippreżenta kopja tal-Formoli tat-Taxxa fuq l-*Income* u s-*Self Assessment* għas-snin 2009-2013[1], għadd ta' rċevuti għal servizzi mediċi mogħtija lilu kif ukoll għal prodotti li hu ħtieġlu jixtri wara l-inċident[2], u kopja tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Settembru, 2014, mibgħuta mill-attur lill-konvenuti f'din il-kawża, permezz ta' liema hu interpella lill-konvenuti jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas lilu tad-danni attwali u t-telf ta' qligħ sofferti minnu.[3] L-attur **Emanuel Attard** fl-*affidavit* tiegħu ddikjara li hu jaħdem għal rasu billi joffri servizzi ta' manutenzjoni, bħal tibjid, tikħil, xogħol fid-dawl u l-ilma, tiswija, twaħħil ta' madum u dak kollu li jista' jkun meħtieġ mis-sidien tal-bini, kemm jekk inhuma ħwienet kif ukoll residenzi privati. Żied jgħid li fost il-klijenti għandu numru ta' negozjanti, fosthom il-konvenut Joseph Mohnani, li minn żmien għal żmien iqabbdu jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fid-diversi ħwienet li dan għandu. Spjega li f'April tas-sena 2014 kien kellmu l-istess Mohnani u talbu jagħmillu xogħol ta' manutenzjoni f'ħanut illi dan għandu li jġib l-isem 'Mariage', fi Triq Żakkarija, il-Belt. L-attur spjega li t-tip ta' xogħol li jagħmel hu, jirrikjedi li hu jkun l-ewwel wieħed li jasal fuq il-lant tax-xogħol u jitlaq l-aħħar wieħed, u dan minħabba li hu jkun involut fil-fażijiet kollha tax-xogħol li jkun jeħtieġ li jsir. L-attur kompla jgħid li fl-1 ta' Mejju, 2014, mill-ħanut ta' Mohnani kellu jitneħħa *air-conditioning unit,* sabiex jinbidel f'sistema aktar moderna, liema *unit* kien fih madwar żewġ metri b'żewġ metri u kien għoli daqs nofs metru ieħor, u t-toqol tiegħu kien tant li żewġ irġiel bejniethom ma rnexxilhomx jerfgħuh. L-attur qal li għal dan ix-xogħol il-konvenut Mohnani kien qabbad lil Gavin Sammut Alessi, li min-naħa tiegħu

[1] *A fol.* 5 *et seq.* tal-proċess.
[2] *A fol.* 22 *et seq.* tal-proċess.
[3] *A fol.* 33 tal-proċess.

kien qabbad żewġ *sub-contractors,* lil Joseph Penza u lil James Buhagiar. Ix-xhud kompla jgħid li meta Penza u Buhagiar marru fuq is-sit, dawn kienu talbu lill-attur sabiex jagħmlu użu mill-*iscaffolding* li hu kellu armat fuq il-post, u hu ma oġġezzjonax għal dan. Kompla jgħid li hu kien poġġa dan l-*iscaffolding* fuq dan il-lant tax-xogħol sabiex ikun jista' jagħmel użu minnu hu fix-xogħol tiegħu u mhux biex fuqu jitpoġġa l-*unit* tal-*air conditioning.* Madanakollu hu kien ippermetta lill-konvenuti Penza u Buhagiar jagħmlu użu mill-istess *scaffolding* ladarba dawn kienu talbuh. Qal li f'ħin minnhom il-konvenut Penza talab lill-attur u lil żewġ persuni li kienu qegħdin jaħdmu miegħu, fosthom Edward Migneco u Vince Zammit, sabiex imorru jgħinu lilu u lil Buhagiar iniżżlu l-*cassette unit* inkwistjoni u dan minħabba li huma ma setgħux iniżżlu dan il-*unit* waħedhom. Iddeskriva kif f'ħin minnhom l-*air conditioning unit* waqa' u hekk kif ġie fuq it-tavluna tal-*iscaffolding,* din inqasmet fi tnejn, bir-riżultat li Edward Migneco, Joseph Penza u l-attur waqgħu mal-art. L-attur ippreċiża li l-*iscaffolding* użat minnu hu b'saħħtu biżżejjed biex jiflaħ ċertu toqol, iżda meta l-*unit* tal-*air conditioning* waqa' fuq it-tavluna b'ċerta saħħa, it-tavluna ma kinitx b'saħħitha biżżejjed biex tiflaħ daqqa bħal dik u kien għalhekk li din sfrundat. Qal li konsegwenza ta' dan l-inċident hu kiser l-għarqub u l-għaksa, u wara l-inċident il-konvenut Mohnani kien ħadu l-poliklinika tal-Floriana, minn fejn intbagħat il-poliklinika tal-Mosta għall-*x-rays,* u wara ntbagħat l-Isptar Mater Dei għaliex mill-*x-rays* irriżulta li l-ġrieħi kienu sostanzjali u ma setgħux jiġu ttrattati f'ċentru tas-saħħa.

L-attur żied jgħid li fl-opinjoni tiegħu l-konvenuti Penza u Buhagiar ma kinux armati biex ineħħu *air conditioning unit* ta' dawk id-dimensjonijiet, u ma bdewx jaħdmu skont is-sengħa u l-art, l-aktar minħabba li dawn misshom kienu jafu li x-xogħol li kienu qed jagħmlu ma kienx ta' tnejn min-nies biss. Qal

li hu jiftakar li dawn marru fuq il-lant tax-xogħol b'idhom f'idhom, mingħajr għodda u armati biss b'sellum. L-attur qal ukoll li l-inċident seħħ minħabba li f'ħin minnhom, *unit* ta' dawk id-dimensjonijiet tħalla jserraħ fuq *stud* tar-ram wieħed, u dan ma felaħx għal piż tal-*unit*. L-attur żied jgħid:

> "Illi apparti minn hekk minkejja t-toqol tal-*unit* l-intimati ħadmu b'mod negliġenti u mhux skont il-liġijiet tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Illi fl-ewwel lok huma naqsu milli jiġġakkjaw jew b'xi mod jorbtu l-*unit* waqt li dan ma kellux l-4 *studs* installati. Huma sempliċement qatgħu żewġ studs barra u ġew jgħajtu lili u lil sħabi l-oħrajn sabiex intuhom l-għajnuna. Illi inoltre CIL Services bl-ebda mod ma kellhom l-apparat neċessarju sabiex jesegwixxu din il-biċċa xogħol skont kif titlob is-sengħa imma ġew b'sempliċement sellum li fl-aħħar mill-aħħar lanqas biss intuża għax ma kienx tajjeb għall-biċċa xogħol li kellhom jagħmlu."

L-attur spjega li l-konvenuti Penza u Buhagiar tant ma kinux armati għall-biċċa xogħol li marru biex jagħmlu, li huwa spiċċa kellu jsellifhom l-għodda tiegħu biex setgħu jaħdmu. Qal li hu ma ħassx li kellu jirrifjuta li jislef l-għodda tiegħu lill-konvenuti, iżda hu ma setax jerfa' r-responsabbilità għax-xogħol tagħhom, għaliex ippretenda li dawn kienu jifhmu kemm fix-xogħol li kellhom jagħmlu kif ukoll fl-għodda li kellhom jużaw biex jagħmlu dak ix-xogħol. Kompla jgħid li l-għodda tiegħu kienet b'saħħitha u mantnuta tajjeb, tant li baqgħet ma sofriet l-ebda ħsara ħlief għall-fatt li nqasmet it-tavluna, u l-problema feġġet meta fuq l-*iscaffolding* waqa' ċertu piż minħabba n-negliġenza ta' Penza u Buhagiar. L-attur qal li konsegwenza ta' dan l-inċident hu spiċċa mingħajr impjieg, b'telf ta' introjtu konsiderevoli għalih, għajr għal xi benefiċċji soċjali li jirċievi u li bihom iridu jgħixu hu u l-mara tiegħu. Żied jgħid li t-tobba qalulu li jridu jgħaddu mat-tmintax-il xahar biex ikun jista' jimxi sew, u jekk wara tmintax-il xahar ma jkunx għamel progress, ikollu bżonn intervent kirurġiku. Qal ukoll li hu jinsab inkwetat minħabba li anki jekk jagħmel dan l-intervent, jista' jkun li ma jkunx jista' jerġa' jaħdem bħal qabel. Qal ukoll li hu jattendi

għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija fl-Isptar San Luqa b'mod regolari. L-attur spjega li fix-xogħol tiegħu hu jeħtieġlu jitla' ħafna slielem, u jaħdem f'siti fejn l-art ma tkunx lixxa, apparti li jkollu jqandel ħafna xkejjer tas-siment u affarijiet tqal oħra. L-attur kompla jgħid li hu ilu jagħmel xogħol manwali u ta' strapazz ħajtu kollha, u fl-età li għandu llum huwa diffiċli għalih li jsib impjieg ieħor. L-attur qal li l-konvenut Sammut Alessi kien il-persuna inkarigata biex tagħmel ix-xogħol inkwistjoni, u dan min-naħa tiegħu kien qabbad lill-konvenuti Penza u Buhagiar bħala *sub-contractors.* Żied jgħid li l-kawża ġiet istitwita wkoll kontra l-konvenut Mohnani minħabba li fit-trattattivi li kienu qegħdin isiru bejn il-partijiet qabel infetħet il-kawża, kien intqal li dan kellu jipprovdi l-apparat u l-għodda kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol.

Il-konvenuti Penza u Buhagiar ippreżentaw kopja tar-risposta għall-ittra uffiċjali tal-attur, liema risposta ntbagħtet lilu fid-19 ta' Settembru, 2014.[4]

**Edward Migneco** li kien fuq il-lant tax-xogħol mal-attur dakinhar tal-inċident, fl-*affidavit* tiegħu[5] qal illi hu jaħdem għal rasu u joffri servizzi ta' manutenzjoni, għalkemm qal li ħafna drabi hu u l-attur jaħdmu biċċa xogħol flimkien bħala sħab, minħabba li n-natura tax-xogħol xi drabi ma tkunx ta' bniedem waħdu. Ix-xhud ikkonferma li x-xogħol meħtieġ fil-ħanut bl-isem 'Mariage' ma kinitx l-ewwel biċċa xogħol li hu u l-attur intalbu jaħdmu fuqha mill-konvenut Mohnani, li spiss kien jitlobhom jaħdmulu fid-diversi ħwienet tiegħu. Qal li fir-rigward tax-xogħol li kien meħtieġ li jsir f'dan il-ħanut, hu u l-attur kien dehrilhom li x-xogħol meħtieġ kien wieħed sostanzjali, u in vista ta' dan talbu l-assistenza ta' ċertu Vince Zammit sabiex imur itihom daqqa t'id. Ix-

[4] *A fol.* 52 tal-proċess.
[5] *A fol.* 66 tal-proċess.

xhud ikkonferma li n-natura tax-xogħol tagħhom jitlob li ħafna drabi jkunu huma l-ewwel fuq il-lant tax-xogħol u li jispiċċaw jaħdmu l-aħħar huma wkoll. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li l-1 ta' Mejju kienet festa, hu, l-attur u Vincent Zammit kienu miftiehma li jmorru fuq is-sit 'Mariage' fi Triq Żakkarija, il-Belt sabiex jagħmlu x-xogħol ta' manutenzjoni li kien meħtieġ fuq is-sit, u dakinhar xogħolhom kien jinvolvi l-qlugħ ta' suffitt tal-injam. Ix-xhud ikkonferma li fuq is-sit kien hemm ukoll il-konvenuti Penza u Buhagiar, u dawn kienu qegħdin hemm biex jaqilgħu *unit* tal-*air conditioning* minn fuq il-post, liema *unit* kien kbir u tqil ħafna. Ix-xhud qal ukoll li l-konvenuti Penza u Buhagiar kienu staqsew lill-attur jekk setgħux jagħmlu użu mill-*iscaffolding* tiegħu, u dak il-ħin huwa nnota li dawn ma kinux marru armati għall-biċċa xogħol li ntalbu jagħmlu, tant li kellhom biss kaxxa għodda żgħira u sellum. Ix-xhud ikkonferma li Penza u Buhagiar kienu talbu l-assistenza tal-attur sabiex jaqilgħu l-*unit* tal-*air conditioning* minħabba li kien tqil wisq għalihom, u fil-fatt kemm l-attur, kif ukoll il-persuni l-oħra li kienu qegħdin jassistuh marru biex jaraw x'għajnuna setgħu joffru. Qal li f'mument minnhom l-aħħar *stud* li l-*unit* tal-*air conditioning* kien qiegħed iserraħ fuqu ma felaħx il-piż aktar, u l-*unit* waqa' għal isfel bil-konsegwenza li kiser it-tavlun u l-konvenut Penza u l-attur, flimkien max-xhud, taru għal isfel. Ix-xhud ikkonferma li l-aktar persuna li sfat imweġġa' kien l-attur, li ttieħed il-poliklinika tal-Floriana ftit wara minħabba li siequ bdiet tintefaħ mill-ewwel. Dan ix-xhud ikkonferma li l-*iscaffolding* inkwistjoni ma kellu ebda difett, u anki t-tavluna li kien qiegħed isir ix-xogħol fuqha kienet tajba, u din inqasmet biss minħabba li waqa' piż konsiderevoli fuqha meta waqa' l-*unit* tal-*air conditioning* fuqha. Ix-xhud qal li wara dan kollu, anki sabiex jitpoġġa l-*air conditioning unit* il-ġdid, il-konvenuti Penza u Buhagiar talbu sabiex jagħmlu użu mill-istess *scaffolding,* bit-tavluna l-ġdida li

tpoġġiet fuqu, filwaqt li anki biex installaw is-sistema l-ġdida, reġgħu talbu l-għajnuna tax-xhud u ta' Vince Zammit minħabba li ma setgħux itellgħu l-*unit* il-ġdid bejn tnejn. Ix-xhud qal ukoll li l-konvenuti Penza u Buhagiar ma għamlux dak li kien meħtieġ għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, tant li lanqas kellhom l-apparat neċessarju biex jesegwixxu biċċa xogħol bħal dik li ntalbu jagħmlu dakinhar. Ix-xhud qal li f'sitwazzjonijiet simili, spiss isir użu minn *hydraulic jacks* sabiex *unit* ta' ċertu toqol u dimensjonijiet jinżamm f'postu mingħajr periklu. Ix-xhud qal ukoll li wara dan l-inċident l-attur ma setax jerġa' jidħol xogħol, u hu ħass in-nuqqas tiegħu ħafna fix-xogħol. Qal ukoll li l-attur ilu snin twal jagħmel xogħol manwali fuq siti tal-kostruzzjoni, u issa f'ħajtu għandu ħafna limitazzjonijiet minħabba fl-inċident li sofra.

**Vincent Zammit** li kien qiegħed jassisti lill-attur u lil Edward Migneco dakinhar li seħħ l-inċident, fl-*affidavit* tiegħu[6] qal li hu kien intalab jassisti fix-xogħol li kellu jsir fuq dak is-sit mill-attur u minn Migneco. Ix-xhud qal li dakinhar tal-1 ta' Mejju, 2014 minbarra huma, fuq is-sit kien hemm ukoll il-konvenuti Penza u Buhagiar, u dawn kienu talbu li jagħmlu użu mill-i*scaffolding* tal-attur minħabba li xogħolhom kien jinvolvi l-qlugħ ta' *unit* tal-*air conditioning* li kien hemm fis-sit. Ix-xhud qal li għal din il-biċċa xogħol, il-konvenuti Penza u Buhagiar ma kellhom l-ebda apparat, tant li hu kien skanta meta ra li dawn lanqas *scaffolding* ma kienu ħadu magħhom. Ix-xhud spjega d-dinamika tal-inċident b'dan il-mod:

> "Illi niftakar illi qabel dħalna aħna, Penza u Buhagiar kienu diġà qatgħu b'*chaser* żewġ *studs* mill-erbgħa li kienu qegħdin iżommu l-*cassette unit.* Fil-pront Penza minn fuq l-i*scaffolding* qata' *stud* ieħor. Wara li qata' l-i*stud* Penza qabad iċaqlaq il-

[6] *A fol*. 69 tal-proċess.

> pajpijiet tal-*copper* u ovvjament meta beda jċaqlaq il-pajpijiet beda jċaqlaq ukoll il-*unit* li kien qed jistrieħ fuq *stud* wieħed. Jiena dan ovvjament stajt narah sew għaliex kont qiegħed taħthom. ... Fil-pront l-i*stud* li kien għad fadal ċeda u l-*cassette unit* waqa' tul ta' metru u nofs u ssabbat għal fuq it-tavluna tal-*iscaffolding.* Din it-tavluna ovvjament inqasmet u kull min kien fuq l-i*scaffolding,* bil-*cassette unit* b'kollox inbeżaq għal mal-art. Ovvjament kien hemm sħaba tat-trab, u meta stajt nara x'ġara insib lil Penza u lil Edward mal-art, u lil Emanuel jokrob bl-uġigħ jgħajjat 'saqajja, saqajja'!"

Ix-xhud kompla jgħid li dan l-inċident seħħ minħabba li l-konvenuti Penza u Buhagiar ma kellhomx l-għodda u l-apparat meħtieġ biex jagħmlu dan ix-xogħol, partikolarment minħabba li ma kellhomx *hydraulic jack* biex iżommu l-*units* f'posthom. Qal li dawn bdew jaħdmu b'għaġġla u sfortunatament għalhekk seħħ dan l-inċident. Hu kkonferma wkoll li sabiex ġie installat il-*unit* il-ġdid, il-konvenuti Penza u Buhagiar reġgħu għamlu użu mill-istess *scaffolding* b'tavlun ġdid, kif ukoll reġgħu talbu l-għajnuna tax-xhud u ta' Edward Migneco. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li wara dan l-inċident lill-attur qatt ma rah jaħdem iżjed.

Fl-udjenza tad-9 ta' April, 2015 xehdet **Joanne Cardona**[7], fiżjoterapista fl-Isptar San Luqa, li qalet li hi saret taf lill-attur wara li dan beda jattendi għal sessjonijiet tal-fiżjoterapija fl-istess sptar. Ix-xhud ikkonfermat li l-attur kien waqa' u sofra minn *circannual fracture,* u konsegwenza tagħha l-attur baqa' jbati minn nefħa u wġigħ f'saqajh, kif ukoll ibati biex jagħmel ċertu attività bħal tlajja' u tlugħ ta' slielem. Ix-xhud kompliet tgħid li l-irfigħ ta' piżijiet lill-attur jista' jżidlu n-nefħa f'saqajh. Ix-xhud ippreżentat kopja tal-*physiotherapy referral form* għar-rigward tal-attur[8], liema *referral* saret mill-konsulenti li kkuraw lill-attur fl-Isptar Mater Dei.

---

[7] *A fol.* 77 tal-proċess.
[8] *A fol.* 80 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed **John Micallef**[9], prinċipal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, li ppreżenta kopji tal-FS3s tal-attur għas-snin 2012 u 2013[10], filwaqt li fl-udjenza tas-6 ta' Mejju, 2015 l-istess xhud ippreżenta kopji tal-FS3s tal-attur għas-snin 2009, 2010 u 2011.

Fl-udjenza tas-6 ta' Mejju, 2015 xehed il-**PL Sean Meli** mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li ppreżenta dokument b'informazzjoni dwar il-benefiċċji soċjali li ngħata l-attur għall-perijodu bejn il-15 ta' Awwissu, 2014 sal-4 ta' Mejju, 2015.[11] Ix-xhud spjega li l-benefiċċju tal-mard u l-benefiċċju minħabba korriment jingħataw b'mod separat mid-Dipartiment, għalkemm qatt ma jingħataw fl-istess żmien. Żied jgħid li wieħed ikun intitolat jirċievi l-ogħla wieħed minn dawn iż-żewġ benefiċċji, u filwaqt li biex wieħed jieħu s-*sickness benefit,* wieħed irid jippreżenta ċ-ċertifikat il-blù, sabiex wieħed jingħata l-*injury benefit,* ikun irid jagħmel applikazzjoni apposta għalhekk. Mid-dokument esebit mix-xhud jirriżulta li għall-perijodu bejn il-15 t'Awwissu, 2014 sal-4 ta' Mejju, 2015, l-attur irċieva benefiċċji, *allowances* u pensjonijiet taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali fl-ammont ta' €5,237.82.[12]

Permezz ta' nota tat-13 ta' Lulju, 2015, l-attur ippreżenta ċertifikat mediku rilaxxjat mill-konsulent ortopediku Mr Ivan Esposito, kif ukoll sensiela ta' ritratti sabiex juri n-natura tal-ġrieħi sofferti minnu.[13]

Permezz ta' nota ppreżentata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-15 ta' Lulju, 2015, ġiet ippreżenta kopja tal-applikazzjoni tal-attur għall-benefiċċju

---

[9] *A fol.* 91 tal-proċess.
[10] *A fol.* 93 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 113 tal-proċess.
[12] *A fol.* 117 tal-proċess.
[13] Dokumenti *a fol.* 122 *et seq* tal-proċess.

minħabba f'korriment fuq il-post tax-xogħol[14], il-lista tal-appuntamenti li l-attur kellu quddiem il-Bord Mediku tad-Dipartiment b'rabta ma' dan l-inċident[15], kif ukoll skeda bid-dettalji dwar il-benefiċċju għal korriment għas-snin 2014 u 2015.[16]

Fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2015 xehdet **Norma Baldacchino,** *customer care official* fl-Isptar Mater Dei[17], li esebiet kopja tal-*file* mediku tal-attur. Permezz ta' nota ulterjuri tat-2 ta' Frar, 2016 l-attur esebixxa rapport mediku ieħor tal-podologu **Jean Pirotta**, b'*physiotherapy report* ulterjuri anness, datat 15 ta' Ottubru, 2015.[18]

Il-konsulent ortopediku **Mr Massimo Abela** ġie maħtur mill-Qorti bħala espert mediku sabiex wara li jeżamina lill-attur jirrelata dwar jekk konsegwenza tal-inċident imsemmi fir-Rikors Maħluf dan ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad. L-espert mediku ppreżenta r-rapport tiegħu fit-3 ta' Diċembru, 2015 fejn ikkonstata li fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-attur sofra ksur tal-għadma tal-għarqub, u meta ħareġ mill-Isptar ingħata l-krozzi sabiex ikun jista' jimxi. Mr Massimo Abela kkonstata wkoll li l-attur jattendi regolarment għal sessjonijiet tal-fiżjoterapija. Ġie stabbilit ukoll li madwar xahar wara l-inċident, l-attur beda jilmenta minn uġigħ fi spallejh, u fid-dawl ta' dan ingħata appuntament ma' konsulent ortopediku li jispeċjalizza fl-ispallejn. Ġie stabbilit ukoll li l-attur reġa' beda jaħdem lejn nofs is-sena 2015. L-espert mediku stabbilixxa li l-attur għadu jilmenta minn uġigħ fl-għarqub tax-xellug meta jkun fuq saqajh, li jiżdied meta jkun f'telgħa jew meta jilbes

[14] *A fol.* 129 tal-proċess.
[15] *A fol.* 134 tal-proċess.
[16] *A fol.* 135 tal-proċess.
[17] *A fol.* 141 tal-proċess.
[18] *A fol.* 202 *et seq.* tal-proċess.

żarbun issikkat. L-għaksa ta' siequ baqgħet minfuħa, u ħafna mill-ħin l-attur ikollu bżonn jilbes żraben speċjali. Ġie stabbilit ukoll li l-attur għadu jbati minn uġigħ fi spallejh. Skont l-espert mediku Mr Massimo Abela, l-attur sofra:

> "... ksur tal-għadma tal-għarqub *(calcaneum)* tax-xellug, u kontużjoni tad-drigħ tal-lemin wara li waqa' għoli ta' 2 metri fl-01/05/2014. Il-ksur tal-*calcaneum* kien imfarrak ħafna u għaldaqstant ma setax jiġi stabbilizzat b'operazzjoni. Il-ksur fieq iżda ħalla deformità fil-*calcaneum* u ħsara irriversibbli fil-ġog subtalari li bi probabbilità kbira se twassal għal *artrite* fl-istess ġog. Jekk riżultat ta' hekk l-uġigħ jiżdied hemm possibilità li Emanuel Attard ikollu bżonn jgħaddi minn operazzjoni ta' funzjoni *(arthrodesis)* tal-ġog.
>
> Emanuel Attard qalli li qabel l-allegat inċident l-ispalla tal-lemin qatt ma tatu. Għaldaqstant il-problemi li qiegħed isofri minnhom issa probabbilment huma relatati mal-kontużjoni li ġarrab. *Ultrasound scan* tal-ispalla wera tiċrita parzjali ta' tnejn mill-muskoli rotatorji. Hemm possibilità li din it-tiċrita tkompli tikber u jkollha bżonn tissewwa b'operazzjoni."

In vista ta' dawn is-sejbiet, l-espert mediku Mr Massimo Abela kkonkluda li r-rata ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur hi fil-grad ta' għaxra fil-mija (10%).

Fl-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2016 xehed il-konvenut **Gavin Sammut Alessi**[19], li qal li hu jagħmel xogħol ta' *air conditioning,* u jopera taħt l-isem SA Services, għalkemm din mhix kumpannija għaliex hu jaħdem għal rasu. Spjega li meta jiġi kkuntattjat minn klijent, hu jmur jara l-post, jaħdem bejn wieħed u ieħor id-daqs tal-*unit* li jkun hemm bżonn li jiġi installat, u wara jsib *sub-contractor* li wkoll hu *self-employed* sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ. Qal li hu jbiegħ l-*air condition units* filwaqt li l-installazzjonijiet isiru minn terzi *sub-contracted* minnu. Qal li hu jqabbad *sub-contractors* varji, skont min ikun disponibbli minnhom, u skont id-domanda li jkollu. Ix-xhud spjega li f'dan il-każ

[19] *A fol.* 227 tal-proċess.

partikolari, il-konvenut Mohnani kien iddeċieda li jibdel *air conditioning unit* antik li kellu installat fil-ħanut u kien ordna *unit* ġdid mingħand ix-xhud, li min-naħa tiegħu qabbad lil terzi, lill-konvenuti Penza u Buhagiar, biex jagħmlu x-xogħol ta' installazzjoni u tneħħija tal-*unit* l-antik. Ix-xhud qal li xi jumejn qabel seħħ dan l-inċident kien saret laqgħa bejnu, l-attur, il-konvenut Mohnani u wieħed mill-persuni li kellhom jagħmlu x-xogħol ta' installazzjoni, fejn ġie stabbilit li kellu jiżżarma s-suffitt tal-injam li kien hemm fil-ħanut ta' Mohnani, sabiex l-*air conditioning unit* qadim ikun jista' jiżżarma u jitniżżel ġurnata wara. Madanakollu sid il-ħanut insista li x-xogħol isir kollu fl-istess ġurnata, u kien hemm insistenza li dan isir fl-1 ta' Mejju meta l-ħanut ikun magħluq. Ix-xhud żied jgħid li huwa kien informa lill-konvenut Mohnani li kien impossibbli li x-xogħol rikjest isir f'ġurnata waħda, minħabba li kien hemm bżonn ħafna idejn biex jintrama *scaffolding,* jiżżarma s-suffitt, jiġi żarmat l-*iscaffolding,* u jidħlu l-persuni li kellhom jagħmlu l-installazzjoni tal-*air conditioning unit.* Kompla jgħid li l-*iscaffolding* li kellu jintuża kien dak tas-*sub-contractors,* iżda Edward Migneco offra li jintuża l-*iscaffolding* tiegħu u tal-attur, sabiex jiġi ffrankat il-ħin u x-xogħol. Ix-xhud ikkonferma li l-*air conditioning* l-antik kellu jitneħħa mis-*sub-contractors* tiegħu, u l-pjan oriġinali ma kienx li l-attur kellu jassisti fit-tneħħija tal-*unit* l-antik. Ix-xhud qal ukoll li hu ma jkollux x'jaqsam mal-installazzjoni li ssir fuq il-post, u hu kien ilu madwar sentejn u nofs jagħmel użu mis-servizzi tal-konvenuti Penza u Buhagiar. Żied jgħid li hu stenna li l-konvenuti l-oħra jkollhom l-għodda kollha neċessarja sabiex jagħmlu x-xogħol li daħlu għalih, u s-soltu fejn kien ikun hemm bżonn ta' *scaffolding* dawn kienu jieħdu ħsieb jipprovduh huma. Ix-xhud qal li l-konvenuti Penza u Buhagiar kienu qalulu li s-suffitt tneħħa mill-attur u minn Edward Migneco li kien qiegħed jassistih, u qabel użaw l-*iscaffolding* huma

kienu staqsew lill-attur jekk dan kienx jiflaħ dak il-piż, u dan kien qalilhom li jiflaħ. Ix-xhud qal li madanakollu l-injama tal-*iscaffolding* inqasmet meta l-piż tal-*unit* tal-*airconditioning* ġie fuqha.[20] Ix-xhud esebixxa r-ritratti mgħoddija lilu mill-konvenuti Penza u Buhagiar li ħadu dawn ir-ritratti sabiex juruh kif seħħ l-inċident.[21] Ix-xhud qal li l-informazzjoni li ngħatatlu kienet li hekk kif Penza u Buhagiar neħħew l-aħħar *stud,* il-piż tal-*unit* ġie fuq idejhom u l-*iscaffolding* ċeda. Ix-xhud qal ukoll li normalment meta jinqala' *unit,* is-*sub-contractors* iżommuh fuq idejhom sakemm jitniżżel. Żied jgħid ukoll li hu ma jafx jekk is-soltu tintużax għodda apposta biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol. Ix-xhud ikkonferma li l-ħlas mill-klijent li jkun talab l-installazzjoni ta' *air conditioning unit* ġdid isir kollu kemm hu lilu, u wara hu jieħu ħsieb iħallas lis-*sub-contractors* li jkunu għamlu l-installazzjoni. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-konvenut Mohnani kien is-sid tal-proprjetà li kellha ssir l-installazzjoni fiha, u l-unika ħaġa li talab dan min-naħa tiegħu kienet li x-xogħol kollu meħtieġ isir fl-istess ġurnata. Żied jgħid ukoll li sid il-ħanut ma kellu jipprovdi l-ebda apparat jew għodda għax-xogħol rikjest. Ix-xhud qal li hu u s-*sub-contractors* kienu aċċettaw li jagħmlu x-xogħol f'ġurnata kif intalbu minn Mohnani minħabba li kienu se jużaw l-*iscaffolding* tal-attur.

Il-konvenut **James Buhagiar** fl-*affidavit* tiegħu[22] qal li hu u Josef Penza jaħdmu flimkien bħala *self-employed* u jagħmlu xogħol ta' installazzjoni ta' *air conditioning units*. Żied jgħid li huma ilhom jagħmlu dan ix-xogħol madwar għoxrin sena, u f'dan iż-żmien qatt ma kienu involuti f'xi inċident fuq il-post

[20] Fi kliem ix-xhud: "kienu qegħdin tlieta fuq l-*iscaffolding,* kif inqala' l-aħħar stud u ġie l-piż tal-*unit* fuq idejhom, inqasam għax hu l-*unit* qisu fih 1.8 m, kemm kemm iżgħar mill-*iscaffolding.* Jiġifieri huma kienu qegħdin taħtu bejn il-*unit* u l-*iscaffolding."*
[21] Esebiti a fol. 239 u 240 tal-proċess.
[22] *A fol.* 244 tal-proċess.

tax-xogħol. Ix-xhud ikkonferma li l-konvenut Sammut Alessi jgħaddilhom ħafna xogħol ta' installazzjoni ta' *units* li jkunu nbiegħu minnu. Ix-xhud spjega li bħala prassi fejn il-*unit* ikun se jitwaħħal f'post kummerċjali, u għalhekk tkun ser tintuża sistema akbar minn dik li wieħed isib fi djar residenzjali, issir laqgħa fuq il-post sabiex jiġi stabbilit liema hi l-aħjar sistema li għandha tintuża, u sabiex jiġi stabbilit fejn ser issir l-installazzjoni kemm tal-*indoor* kif ukoll tal-*outdoor unit.* Żied jgħid li f'dan il-każ il-laqgħa mal-klijent kienet saret fid-29 ta' April, 2014 fil-ħanut ta' Mohnani, u l-ftehim oriġinali kien li Mohnani kellu jingaġġja ħaddiema biex iżarmaw is-suffitt tal-injam minn fejn kellu jinħareġ l-*ac unit* l-antik. Qal ukoll li l-installazzjoni tal-*ac unit* il-ġdid setgħet issir l-għada li jitneħħa s-suffitt u jiżżarma l-*iscaffolding* li kellu jintuża minn min kien ser iżarma s-suffitt, iżda dan l-arranġament ma kienx aċċettabbli għall-konvenut Mohnani minħabba li dan ried li x-xogħol isir kollu f'ġurnata waħda li kienet btala pubblika, sabiex l-għada jkun jista' jiftaħ il-ħanut b'mod normali. Ix-xhud żied jgħid li dak il-ħin stess, il-ħaddiema li kienu qegħdin jagħmlu xogħol fil-ħanut ta' Mohnani, offrew li għat-tneħħija tas-suffitt u l-installazzjoni tal-ac jintuża l-*iscaffolding* tagħhom, u dan sabiex jiġi evitat dewmien bla bżonn. Ix-xhud qal li fl-1 ta' Mejju 2014, hu mar mal-konvenut Joseph Penza fil-ħanut ta' Mohnani kmieni filgħodu sabiex ikunu jistgħu jibdew l-installazzjoni. Qal ukoll li qabel telgħu fuq l-*iscaffolding* Joseph Penza kien staqsa lil Edward Migneco jekk dak it-tagħmir kienx sod biżżejjed u kienx jiflaħ u dan kien qallu li jiflaħ, filwaqt li żied jgħid li l-*iscaffolding* ma kienx jidher li kien fih xi difett. Ix-xhud qal li d-daqs tal-*ac unit* kien iżgħar mill-wisgħa tat-tavluna li kien qiegħed isir ix-xogħol fuqha, u l-*unit* il-ġdid kien tal-istess daqs. Qal ukoll li hu u l-konvenut Penza dejjem jaħdmu bl-istess għodda, u dejjem ħadmu bl-għodda li intużat f'din il-biċċa xogħol. Ix-xhud ċaħad li hu u Penza ma kellhom għodda ta' xejn,

tant hu hekk wara l-bieb tal-ħanut kellhom il-vann bl-għodda kollha li normalment jeħtieġu għal xogħol bħal dan. Ix-xhud spjega x-xogħol li kien meħtieġ li jsir sabiex jiżżarma l-*unit*:

> "Inżid ngħid li l-*indoor unit* kien marbut mas-saqaf permezz ta' erba' *studs*, wieħed ma' kull kantuniera. Kien għalhekk illi jien u Joseph Penza qgħadna fid-direzzjoni opposta ta' xulxin biex b'hekk jien inkun nista' naqta' permezz ta' *cordless grinder* iż-żewġ *studs* li kienu n-naħa tiegħi u Joseph jaqta' ż-żewġ *studs* li kienu fuq in-naħa tiegħu. Din hi s-sistema normali li biha jinħadem dan ix-xogħol, sistema tajba u li ma kien fiha ebda nuqqasijiet. Billi dan ma kienx l-ewwel *unit* li jien u Joseph Penza żarmajna, konna nafu li stajna nżarmaw il-*unit* l-antik waħedna u ma kinitx meħtieġa l-għajnuna ta' xi ħadd ieħor. Emanuel Attard jgħid fl-*affidavit* tiegħu li aħna la għamilna użu minn *jack* u lanqas irbatna l-*indoor unit* mas-saqaf. F'dan ir-rigward kif ġia ngħad, l-*indoor unit* kien issikkat mas-saqaf u b'hekk l-uniku mod kif aħna stajna naqilgħuh minn postu kien billi nżommuh fuq idejna. Ukoll jingħad illi minħabba l-ispazju ferm limitat li fih konna qed naħdmu, lanqas ma seta' jintuża *jack,* kif qed jissuġġerixxi Emanuel Attard, apparti li din mhijiex sistema li biha suppost isir dan ix-xogħol."

Ix-xhud żied jgħid li hu u l-konvenut Penza fl-ebda ħin ma talbu l-għajnuna ta' ħadd għax-xogħol li kienu qegħdin jagħmlu. Qal li hekk kif Penza qata' r-raba' *stud* li kienet qiegħda żżomm il-unit mal-ħajt, il-piż tal-*unit* ġie f'idejn Edward Migneco, Joseph Penza u Emanuel Attard, u hekk kif dan kien ser jitniżżel għal fuq it-tavluna, din ċediet u nqasmet min-nofs. Ix-xhud qal li r-raba' *stud* inqatgħet bi *grinder* u l-piż tal-*unit* kien qed jinżamm minn tlieta min-nies f'daqqa, u għalhekk ma jistax ikun li t-tavluna nqasmet għax il-piż tal-*unit* niżel f'daqqa, iżda din ċediet minħabba li ma felħitx għall-piż ta' tliet persuni u l-*unit* f'daqqa. Ix-xhud spjega li konsegwenza ta' dan Edward Migneco, Emanuel Attard u Joseph Penza waqgħu mal-art, u l-*unit* waqa' warajhom. Bid-daqqa, l-attur korra f'saqajh ix-xellugija, filwaqt li Joseph Penza korra f'idejh u f'saqajh. Żied jgħid li l-attur ma kienx liebes *safety shoes* u dan minkejja n-natura tax-xogħol li jagħmel. Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li x-xogħol

tkompla minnu u minn Joseph Penza, u ta' dan tħallsu minn Gavin Sammut Alessi wara li dan kien tħallas mill-konvenut Mohnani.

Il-konvenut **Joseph Penza** fl-*affidavit* tiegħu[23] kkonferma dak li xehed il-konvenut l-ieħor James Buhagiar. Dan ix-xhud żied jgħid li hu kien ġie kkuntattjat minn James Buhagiar, li kien jagħmel l-installazzjonijiet ta' sistemi tal-arja kundizzjonata miegħu, u dan kien infurmah li kellhom jaħdmu f'ħanut il-Belt, u t-tagħmir sabiex ikun jista' jsir ċertu xogħol fil-post kien ser jiġi pprovdut mill-ħaddiema li diġà kienu qegħdin jeżegwixxu xi xogħol fuq is-sit. Dan ix-xhud qal li minħabba limitazzjonijiet ta' spazju fil-ħanut, ma kienx possibbli li fl-istess post jintrama *scaffolding* ieħor. Ix-xhud ikkonferma li la hu u lanqas il-konvenut l-ieħor ma talbu l-assistenza ta' xi ħadd waqt li kienu qegħdin jagħmlu dan ix-xogħol. Qal li fil-ħin tal-inċident, fuq it-tavluna kienu hu u Emanuel Attard fuq naħa, u Edward Migneco fuq in-naħa opposta, u l-inċident seħħ hekk kif hu qata' r-raba' *stud* li kienet qiegħda żżomm il-*unit* tal-*air conditioning* fil-post, u hekk kif dan kien ser jitniżżel ċediet it-tavluna u nqasmet min-nofs. Qal li mhux minnu li t-tavluna nqasmet meta waqa' fuqha l-piż tal-*unit* tal-*air condition.* Żied jgħid li konsegwenza ta' dak li seħħ, hu, Edward Migneco u l-attur waqgħu mal-art, u l-*unit* tal-*air condition* niżel warajhom. Qal li minkejja li hu stess kien korrut, xorta waħda mar jagħti l-għajnuna lill-attur. Dan ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li x-xogħol tkompla u tlesta minnu u mill-konvenut James Buhagiar, u kien Gavin Sammut Alessi li ħallashom ta' xogħolhom wara li kien tħallas mill-konvenut Mohnani.

---

[23] *A fol.* 280 tal-proċess.

Fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2016 xehed **Joseph Chircop**[24], in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li qal li l-attur irċieva benefiċċji għall-korriment għall-perijodu bejn l-10 ta' Mejju, 2014 u s-16 ta' Jannar, 2015. Żied jgħid li bejn it-22 ta' Jannar, 2015 u s-6 ta' Marzu, 2015, l-attur irċieva benefiċċji tal-mard, filwaqt li għall-perijodu bejn l-10 ta' Ġunju, 2015 u l-25 ta' Ġunju, 2016 l-attur irċieva benefiċċju tal-mard flimkien ma' benefiċċju supplimentari li sa dakinhar ta' din l-udjenza kien għadu qed jingħata. Ix-xhud ippreżenta skeda bl-ammonti kollha li tħallsu mid-Dipartiment lill-attur għall-perijodu mill-10 ta' Mejju, 2014 sad-9 ta' Novembru, 2016.[25]

Fl-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017 sar il-kontroeżami tal-attur **Emanuel Attard**[26], li xehed li minkejja li kien ilu jaħdem bħala *maintenance person* sa minn meta kellu sbatax-il sena, hu m'għandux kwalifiki formali. Qal li xogħol ta' dawl u ilma jsir mill-*partner* tiegħu, Edward Migneco minħabba li hu m'għandux liċenzja f'dawn l-oqsma. Qal li hu kien avviċinat mis-sid tal-ħanut li qallu li ried ibajjad il-ħanut, u x-xogħol kien jinvolvi li jiżżarma s-saqaf, jitbajjad, jerġa' jitwaħħal id-dawl u jsir xogħol fuq l-istruttura tal-*gypsum* minħabba li ried jiżżarma *unit* tal-*air condition.* L-attur ikkonferma li kulma għamel il-konvenut Mohnani kien li qabbad lilu u lil numru ta' appaltaturi oħrajn jagħmlu x-xogħol, u dan ma kienx ipprovda xi apparat jew tagħmir ieħor biex ikun jista' jsir ix-xogħol. L-attur ikkonferma wkoll li l-*iscaffolding* armat fil-post kien tiegħu, u dan ma kienx iċċertifikat minn xi inġinier fuq il-post. Żied jgħid li fil-konfront tiegħu l-konvenut Mohnani ma kienx traskurat u l-uniku involviment tiegħu kien li qabbad numru ta' persuni biex jagħmlulu x-

[24] *A fol.* 253 tal-proċess.
[25] *A fol.* 254 tal-proċess.
[26] *A fol.* 257 tal-proċess.

xogħol. Ix-xhud qal li minkejja li hu mhux suppost jitla' slielem u jagħmel ċertu attivitajiet, madanakollu hu qiegħed jaħdem, u dak li ddeskriva bħala '*dirty work'* qiegħed isir minn sieħbu. Qal li madwar sena wara li seħħ l-inċident hu reġa' beda jaħdem, għalkemm hemm limitazzjonijiet f'dak li jista' jagħmel u għalhekk ikollu jagħżel ix-xogħol li jista' jagħmel. L-attur żied jispjega li minkejja li hu għandu *partner* fin-negozju, dan mhux kapaċi jagħmel ix-xogħol kollu, u għalhekk ikollu jirrifjuta x-xogħol li ma jistax jagħmel Migneco u x-xogħol li ma jiflaħx jagħmel hu minħabba l-limitazzjonijiet li għandu wara l-inċident. L-attur ikkonferma wkoll li l-konvenut Mohnani qatt ma ntrabat li jipprovdi xi għodda jew materjal ieħor biex isir ix-xogħol. Għad-domandi li sarulu in rieżami, ix-xhud qal li l-*iscaffolding* li fuqu seħħ l-inċident kien inħadem bil-*welding* oħxon, u dan għadu jsir ix-xogħol bih, bid-differenza li nbidlet it-tavluna ta' fuqu li nqasmet meta waqa' fuqha l-*unit* tal-*air condition.*

Il-konvenut **Joseph Mohnani** fl-*affidavit* tiegħu[27] qal li hu sid tal-fond 'Mariage', Triq Żakkarija, il-Belt minn fejn ibiegħ ilbiesi tat-tieġ. Kompla jgħid li fl-2014 kienet żviluppatlu ħsara fis-sistema tal-arja kundizzjonata, u kien għalhekk li ħa l-opportunità biex jibdel il-*unit* li kien hemm għal wieħed aktar modern, u għal dan l-iskop qabbad lil Gavin Sammut Alessi sabiex jieħu ħsieb jipprovdilu l-apparat li kellu bżonn u l-installazzjoni tiegħu. Qal li lill-attur u lil Edward Migneco kien ilu jafhom u kien ilu juża s-servizzi tagħhom għal madwar għaxar snin, u dawn kienu marru fuq il-post biex jaraw x'xogħol kien meħtieġ li jsir minħabba li kellu jinqala' s-suffitt u jinqala' d-dawl. Qal li bħal f'okkażjonijiet oħra, il-ftehim li kellu mal-attur u sieħbu kien li dawn jipprovdulu servizz komplut, inkluż l-għodda u l-apparat neċessarju għat-

[27] *A fol.* 274 tal-proċess.

twettiq tax-xogħol, u hu kien ftiehem mal-ħaddiema li x-xogħol kellu jsir fl-1 ta' Mejju, 2014 minħabba li kienet btala pubblika. Żied jgħid li xi jiem qabel hu kien ħa ħsieb ilaqqa' lil dawk kollha li kellhom ikunu involuti fix-xogħlijiet, u huma kienu ftehmu bejniethom dwar l-andament tax-xogħol u x'kien hemm bżonn li jsir. Qal li dakinhar li kellu jsir ix-xogħol il-partijiet kienu kollha l-ħanut tiegħu fis-sitta ta' filgħodu, u Migneco u Attard kienu ħadu magħhom persuna oħra biex tgħinhom. Żied jgħid li wieħed mill-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu fuq l-installazzjoni tal-*air conditioner* kien sejjaħ lil Migneco u lil Attard sabiex imorru jtuhom daqqa t'id biex iniżżlu l-*unit,* filwaqt li hu baqa' barra. F'ħin minnhom sema' ħoss kbir, u minn barra ra l-*unit* nieżel bil-ħaddiema neżlin kollha miegħu, filwaqt li t-tavlun inqasam min-nofs. Żied jgħid li l-attur safa mweġġa' flimkien ma' wieħed mill-persuni li kienu qegħdin jaħdmu fuq l-installazzjoni tal-*air conditioner*. Ix-xhud ċaħad li hu ta xi struzzjonijiet biex ix-xogħol isir kollu f'ġurnata waħda, għaliex dan kien impossibbli minħabba li kellu jitwaħħal suffitt ġdid u jerġa' jingħadda d-dawl u jsir it-tibjid. Ix-xhud ċaħad li l-konvenut Sammut Alessi kien issuġġerixxa li l-ewwel jinteħħa s-saqaf u wara jitwaħħlu l-*air conditioners.*

Fl-udjenza tat-3 ta' April, 2017 sar il-kontroeżami tal-konvenut **James Buhagiar**[28], li qal li kienet saret laqgħa bl-iskop li jiġi stabbilit x'xogħol kien meħtieġ li jsir kif ukoll biex jiġi deċiż kif dan kellu jsir. Ix-xhud ikkonferma li l-uniku involviment ta' Mohnani kien li dan talab is-servizz bħala sid tal-post u xejn aktar. Qal li dakinhar li saret il-laqgħa fid-29 ta' April, 2014, ix-xogħol minn Migneco u Attard kien għadu ma bediex. Ix-xhud ikkonferma li biex seta' jitneħħa l-*outdoor unit* tal-*air condition* kellu jinqala' s-suffitt, u l-ħsieb tal-

[28] *A fol.* 277 tal-proċess.

konvenut Mohnani kien li jibdel is-suffitt ma' wieħed ġdid minħabba li s-suffitt li kien hemm ma setax jiġi salvat wara li nqala'. Żied jgħid li l-ħsieb ta' Mohnani kien li ż-żarmar tal-*unit* u s-suffitt il-ġdid kellhom isiru kollha fl-istess ġurnata, għalkemm ikkonferma wkoll li l-ħaddiem li kellu jaħdem il-ġibs ma kienx preżenti dakinhar tal-1 ta' Mejju. Kompla jgħid li x-xogħol li kellu jsir f'ġurnata waħda kien dak marbut mal-installazzjoni tal-*air conditioning unit* u x-xogħol li kellu jsir minn Attard u Migneco u mhux ix-xogħol tas-suffitt ukoll. Qal li hu ma kellu l-ebda diffikultà biex ix-xogħol li kien rikjest minnu jlestih f'ġurnata. Ix-xhud ikkonferma li l-konvenut Mohnani ma kellu jipprovdi l-ebda apparat jew makkinarju, u kien l-attur li offra li jintuża l-*iscaffolding* tiegħu għax-xogħol li kellu jsir minnu u minn Penza.

Għad-domandi li sarulu mill-avukat difensur tal-attur, ix-xhud qal li t-tavluna nqasmet min-nofs fejn kellha l-aktar punt debboli, u din inqasmet bil-piż tal-persuni u tal-*unit* li kellha fuqha, mhux għax waqa' l-*unit* tal-*air conditioning* f'salt fuqha. Ikkonferma li dak il-ħin li seħħ l-inċident, il-persuni li kienu qed jaħdmu kienu fil-ġenb tat-tavluna. Qal li l-inċident seħħ hekk kif il-*unit* ġie f'idejn il-persuni li kienu fuq it-tavluna, minħabba li din ma felħitx il-piż tagħhom. Ix-xhud qal ukoll li f'dan il-post minħabba ċ-ċokon tiegħu, ma seta' jiddaħħal l-ebda apparat u għalhekk ix-xogħol kellu jsir bl-idejn. Kompla jgħid li wara li seħħ l-inċident, hu u l-konvenut Buhagiar komplew bl-installazzjoni tal-*air conditioning unit* li kellu jitwaħħal fil-ħanut, billi wżaw l-istess *scaffolding* u bidlu t-tavluna.

Fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2014 sar il-kontroeżami tal-attur mill-konvenut Sammut Alessi[29], li qal li hu tqabbad direttament mill-konvenut

[29] *A fol*. 293 tal-proċess.

Mohnani sabiex jagħmel xogħlijiet fuq is-sit. Żied jgħid li sa fejn jaf hu Gavin Sammut Alessi tqabbad minn Mohnani wkoll. L-attur ikkonferma li madwar jumejn qabel seħħ l-inċident, kienet saret laqgħa li kienu preżenti għaliha l-partijiet kollha involuti fil-kawża, sabiex jintlaħaq ftehim dwar kif kellu jsir ix-xogħol fuq is-sit. Ix-xhud ikkonferma li hu u Edward Migneco kellhom jaqilgħu s-suffitt, filwaqt li s-*sub-contractors* Penza u Buhagiar kellhom jagħmlu l-installazzjoni tal-*units* tal-*air conditioning.* L-attur ikkonferma li l-konvenut Mohnani ried li x-xogħol isir kemm jista' jkun malajr, u l-ħsieb kien li minħabba li l-1 ta' Mejju dik is-sena ġie l-Ħamis, il-ħanut ikun jista' jerġa' jinfetaħ għan-negozju t-Tnejn ta' wara. L-attur qal li waqt dik il-laqgħa ma kienx ġie mifthiem li Penza u Buhagiar kellhom jagħmlu użu mill-*iscaffolding* armat minnu għax-xogħol tagħhom, u fl-1 ta' Mejju, dakinhar li kellu jinbeda x-xogħol, dawn marru fuq is-sit armati b'sellum biss. L-attur saħaq li kien biss dakinhar li kien inbeda x-xogħol li Penza u Buhagiar talbu sabiex jagħmlu użu mill-*iscaffolding* li hu kien rama fuq is-sit, u hu ma kellu ebda responsabbilità jew obbligu li jippermetti tali użu. L-attur ikkonferma li l-konvenut Sammut Alessi ma kienx fuq is-sit dakinhar tal-inċident, għalkemm qal li dan kien attenda għal-laqgħa li kienet saret bejn il-partijiet. Ix-xhud qal li lil Penza u lil Buhagiar rahom deħlin b'sellum, għalkemm qal li hu ma jistax jgħid jekk kellhomx għodda, jew jekk dak li kellhom kienx adegwat biżżejjed għax-xogħol li kien meħtieġ li jsir. L-attur qal li hu u Edward Migneco ntalbu jgħinu lil Penza u lil Buhagiar minn 'lavrant' u s-Sur Mohnani wkoll ħeġġiġhom imorru jagħtu daqqa t'id biex ix-xogħol kemm jista' jkun isir malajr.[30] Żied jgħid li dak il-ħin huwa ħass li kellu jobdi s-suġġeriment tas-Sur Mohnani li jmur jgħin minkejja li ma kellu ebda

[30] Fi kliem ix-xhud, "Penza l-ewwel ġie jgħidilna biex immorru ngħinuh, aħna bqajna nħarsu lejn xulxin għax qisna qegħdin fil-*break* u dan imbagħad kien hemm is-Sur Joe Mohnani quddiemna għamlilna te u qalilna morru għinuh forsi neħilsu u qbadna u bl-ordni tas-sid u dan morna ngħinu."

obbligu jagħmel dan. L-attur ikkonferma li x-xogħol ta' installazzjoni tkompla dakinhar stess li seħħ l-inċident, billi l-konvenuti Penza u Buhagiar għamlu użu minn tavlun ieħor li hu kellu fil-post. L-attur ikkonferma li minkejja li hu ngħata tmintax-il xahar sabiex jirkupra saħħtu, wara sena kellu jerġa' jibda jaħdem minħabba li nqatgħulu l-benefiċċji soċjali. Kompla jgħid li l-introjtu tiegħu naqaslu għax minkejja li reġa' qiegħed jaħdem, għandu ħafna limitazzjonijiet u hemm xogħol li ma jistax jagħmlu. L-attur ikkonferma li qabel l-inċident, hu qatt ma kien iltaqa' jew ħadem mal-konvenuti Penza u Buhagiar. Qal ukoll li hu ma ħadimx taħt pressjoni ta' ħin, għalkemm kien jaf li l-konvenut Mohnani ried ifittex ilesti minħabba li s-sit inkwistjoni kien ħanut.

Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Edward Migneco**[31], li qal li l-konvenut Mohnani kien qabbad lilu u lill-attur jagħmlu xi xogħol fuq is-sit, u l-ftehim bejniethom kien ta' ħlas wara li jitlestew ix-xogħlijiet. Ix-xhud ikkonferma li Mohnani ma kellu jipprovdi l-ebda apparat jew materjal għax-xogħol li kellu jsir. Ix-xhud qal li fil-laqgħa li kienet saret bejn il-partijiet fid-29 ta' April, 2014 ma kienx hemm ftehim li hu u l-attur kellhom jisilfu l-*iscaffolding* tagħhom lill-konvenuti Penza u Buhagiar, filwaqt li oġġezzjona għall-użu tal-kelma '*scaffolding'* u qal li huma mhux '*scaffolding'* għandhom biex jaħdmu, iżda par strippi li jintramaw skont il-bżonn. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident, il-konvenuti Penza u Buhagiar kellhom xi *spanners* li jiftħu l-pajpijiet biex jagħmlu x-xogħol, kif ukoll xi sellum żgħir u kaxxa tal-għodda. Żied jgħid li hu ma jafx kellhomx għodda oħra fil-vann tagħhom. Qal ukoll li waqt li kienu qed jaqilgħu l-*air conditioning unit* minn postu, wieħed mill-konvenuti talab l-assistenza tal-attur u tiegħu sabiex ikunu jistgħu jaqilgħu l-*unit* mill-post. Żied jgħid li minkejja li ma kellhom l-ebda

[31] *A fol.* 311 tal-proċess.

obbligu li jmorru jagħtu l-għajnuna, mhix ħaġa sabiħa li fuq lant tax-xogħol wieħed jirrifjuta li jagħti l-għajnuna meħtieġa, u għalhekk marru jgħinu. Ix-xhud ikkonferma li fil-mument li fih seħħ l-inċident, fuq it-tavluna kien hemm hu, l-attur u wieħed mill-persuni li kien qiegħed jinstalla l-*air conditioning unit.* Qal li hekk kif dan beda jissara mal-pajpijiet biex jaqla' l-*unit* minn postu, ċeda kollox u nqasmet it-tavluna bir-riżultat li kulħadd baqa' nieżel għal isfel. Ix-xhud qal li minkejja li dakinhar li saret il-laqgħa bejn il-partijiet, ma kien sar l-ebda ftehim fuq l-*iscaffolding,* madanakollu meta hu u l-attur kienu qegħdin jagħmlu x-xogħol fuq is-sit ma qalu xejn meta raw lil Penza u lil Buhagiar jagħmlu użu mill-*iscaffolding* tagħhom. Ix-xhud ċaħad li f'xi ħin il-konvenut Penza staqsa dwar jekk l-*iscaffolding* kienx jiflaħhom. Ix-xhud qal li meta hu u l-attur jaħdmu flimkien, il-ħlas jinqasam nofs bin-nofs. Qal ukoll li wara l-inċident l-attur kien dam madwar sena u nofs sa ma reġa' beda jaħdem. Żied jgħid li fil-mumenti ta' wara l-inċident hu ħareġ lill-attur 'il barra u meta ħallu s-*safety shoes* kien induna li kellu saqajh minfuħa.

Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur **Emanuel Attard**[32] mill-konvenuti Penza u Buhagiar, li kkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri kienet l-ewwel ġurnata tiegħu ta' xogħol fil-ħanut tal-konvenut Mohnani. Qal ukoll li kien fl-1 ta' Mejju, 2014 li rama l-armar fuq is-sit, u hu daħal biex jaħdem fuq is-sit għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu. Qal ukoll li x-xogħol inbeda fil-parti tas-suffitt fejn kien hemm il-*unit* tal-*air condition* li ried jinqala'. L-attur ikkonferma li fil-laqgħa li saret bejn il-partijiet madwar jumejn qabel, ma kien hemm l-ebda ftehim dwar l-użu tal-*iscaffolding* u kien biss dakinhar tal-1 ta' Mejju wara li hu u Edward Migneco kienu bdew sew ix-xogħol tagħhom li wieħed mill-persuni li kienu qegħdin

[32] *A fol.* 322 tal-proċess.

jaħdmu fuq l-installazzjoni tal-*air conditioning units* kien staqsihom jekk setgħux jissellfu l-istrippi u t-tavlun. Qal li dak il-ħin hu ħa l-opportunità biex jieqaf ftit mix-xogħol u jpejjep sigarett. Ikkonferma wkoll li ftit ħin wara wieħed minn dawn il-persuni talab l-assistenza tiegħu u ta' sħabu, u dak il-ħin il-konvenut Mohnani indikalhom li kellhom imorru jgħinuh biex ifittxu jlestu x-xogħol. L-attur qal ukoll li fil-mument tal-inċident hu ma kienx qiegħed iżomm il-*unit* tal-*air conditioning,* u hu waqa' għal isfel wara li nqasmet it-tavluna bil-piż tal-*air conditioning* li waqa' fuqha.

Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur mill-konvenuti **Penza** u **Buhagiar**[33], fejn l-attur ikkonferma li ma kienx il-każ li l-inċident seħħ meta l-*air conditioning unit* żelaq minn idu, iżda meta wieħed mill-konvenuti kien qed jaqla' l-aħħar *stud* u din tqaċċtet, bir-riżultat li l-*unit* ġie fuq it-tavluna u l-piż tiegħu qasamha min-nofs.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami tal-konvenut **Josef Penza**[34], li qal li hu u l-konvenut Buhagiar kienu ħadu żewġ vannijiet armati biex jaħdmu dakinhar, żewġ slielem, kaxxi tal-għodda, tagħmir neċessarju biex iżarmaw l-*air conditioning* l-antik u biex jarmaw il-ġdid. Mistoqsi jekk kellhomx tagħmir bħalma hu *hydraulic jack,* ix-xhud qal li dak it-tip ta' xogħol ma jsirx b'ġakkijiet, iżda jitniżżel fuq l-idejn. Ix-xhud ikkonferma li l-inċident seħħ meta t-tavluna nqasmet min-nofs, u li dak il-ħin hu kien fuq in-naħa tal-lemin tat-tavluna, bil-*grinder* f'idejh qed jaqta' l-i*studs*. Ix-xhud spjega d-dinamika tal-inċident b'dan il-mod:

[33] *A fol.* 329 tal-proċess.
[34] *A fol.* 333 tal-proċess.

> "X'ħin konna jien u l-kollega tiegħi, James kien qiegħed naħa u jien kont qiegħed naħa oħra. James qata' n-naħa tiegħu imbagħad ħadt il-*grinder* biex naqta' n-naħa tiegħi. Dak il-ħin mhux Emanuel, l-ieħor, kienu għaddejjin ħdejna nsomma u qalulna 'tridu daqqa t'id?' u dawn telgħu fuq is-sellum, telgħu fuq it-tavluna u bdew jgħinuna nniżżlu l-*unit*. F'daqqa u l-ħin x'ħin telgħu l-persuni fuq it-tavluna u nqata' l-aħħar *stud* tal-*ac*, ħass il-piż u t-tavluna ċediet u nqasmet u waqa' kollox."

Ix-xhud żied jgħid li fuq it-tavluna dak il-ħin mhux tlieta min-nies kienu iżda erbgħa, u hu u l-konvenut Buhagiar ma kellhomx bżonn għajnuna, iżda kienu l-attur u sħabu li offrew li jitilgħu jgħinuhom. Qal li l-*ac* inkwistjoni ma kienx jiżen aktar minn tletin jew erbgħin kilo u huma fl-ebda ħin ma talbu għajnuna. Qal ukoll li biex twaħħal l-*ac* l-ġdid ma sarx użu mill-*iscaffolding* tal-attur iżda minn slielem normali. Ix-xhud speċifika li hu ma kienx preżenti għal-laqgħa li saret bejn il-partijiet qabel inbeda x-xogħol, iżda hu kien jaf li fis-sit kellu jkun hemm *scaffolding* armat. Kompla jgħid li l-konvenut Sammut Alessi ma kienx fis-sit dakinhar li seħħ l-inċident.

Fl-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2018 sar il-kontroeżami ta' **James Buhagiar**[35], li qal li apparti l-*iscaffolding* tal-attur, dakinhar tal-inċident huma kellhom żewġ vannijiet b'għodda tagħhom, żewġ slielem u għodda li tintuża għall-*air conditioning* bħall-*vacuum,* pompi, *gauges* u tagħmir simili. Żied jgħid li sar użu mill-*iscaffolding* minħabba li l-post kien tant żgħir li l-*hydraulic jacks* ma setgħux jidħlu fil-post. Żied jgħid li xogħol simili jinħadem billi l-*unit* jinżamm fuq l-idejn. Qal li dak il-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed fuq ix-xellug tat-tavluna, filwaqt li Penza kien fuq il-lemin tagħha. Edward Migneco offra li jagħti l-għajnuna billi qagħad fuq wara, filwaqt li l-attur qagħad fuq wara fuq ġewwa tal-vetrina. Żied jgħid li meta nqasmet it-tavluna, l-attur waqa' dritt

[35] *A fol.* 350 tal-proċess.

għal isfel.[36] Aktar tard il-konvenut Buhagiar iċċara li fil-ħin eżatt meta nqasmet it-tavluna hu kien qiegħed barra u għalhekk ma rax l-inċident iseħħ. Ix-xhud għal darb'oħra qal li ma kinux huma li talbu għall-għajnuna, iżda kienu l-attur, Edward Migneco u Vince Zammit li marru jgħinuhom minn jeddhom. Dan ix-xhud qal li biex intrama l-*unit* il-ġdid intuża l-*iscaffolding* tal-attur, b'tavluna ġdida, u l-*unit* ittella' fuq il-ħbula. Ix-xhud spjega li l-apparat il-ġdid intrama bl-uniku mod li bih seta' jintrama, u li tul dan il-ħin kollu, sid il-ħanut Joseph Mohnani baqa' fuq il-post, u fl-ebda ħin ma waqqafhom milli jkomplu jaħdmu, anzi beda juri ħerqa li jitlesta x-xogħol sabiex il-ħanut ikun jista' jerġa' jinfetaħ. Ix-xhud ikkonferma li l-ewwel darba li ra l-*iscaffolding* li kien ser jintuża waqt ix-xogħol kien dakinhar tal-1 ta' Mejju, u hu u Penza kienu ilhom jagħmlu dan ix-xogħol għal aktar minn ħmistax-il sena, iżda qatt ma kellhom inċidenti bħal dawn.

Fl-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2018 l-attur esebixxa dokumenti b'rabta mal-introjtu tiegħu għas-snin 2016 u 2017.[37]

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Vincent Zammit**[38], li qal li hu jintalab jagħti l-għajnuna lill-attur u lil Edward Migneco meta dawn ikollhom xi biċċa xogħol kbira, u qal li f'sena forsi jsejħulu darba jew darbtejn biex jassistihom. Qal li f'dan il-każ hu ntalab jgħin sabiex inewwel xi oġġetti li l-attur u sieħbu seta' kellhom bżonn sabiex ma joqogħdux telgħin u nieżlin fuq l-*iscaffolding.* Ix-xhud żied jispjega li l-attur beda jaħdem fuq is-saqaf li kellu jiżżarma, u hekk kif waslu fiż-żona fejn kien hemm il-*unit* tal-*ac* hu u Migneco

[36] Ix-xhud spjega d-dinamika tal-inċident b'dan il-mod: "... jien kont qed inżomm ġenb u Joseph in-naħa l-oħra. Kif qtajt tiegħi, Josef kien qed jaqta' tiegħu, offrielna li jgħinna Migneco. Sakemm ġie u ħa posti Migneco, Manuel daħal ġewwa, qagħad fir-rokna u Joseph qagħad fir-rokna u Vince ġie għamel sellum qagħad fin-nofs u jien inżilt biex inġib sellum ieħor ħalli neħduh minn id għal id u sakemm kont qiegħed barra, ġara li ġara."
[37] *A fol.* 363 tal-proċess.
[38] *A fol.* 368 tal-proċess.

waqfu minħabba li kellhom jidħlu jaħdmu Penza u Buhagiar. Żied jgħid li meta l-attur kien qallu biex joħorġu jieħdu kafè barra minħabba li Penza u Buhagiar kellhom bżonn jużaw l-*iscaffolding,* din kienet l-ewwel darba li hu sema' li dawn il-ħaddiema kienu ser jagħmlu użu mill-*iscaffolding* tal-attur. Qal li fil-mument meta seħħ l-inċident hu kien qiegħed jara kollox minn isfel, u ra li t-tavluna nqasmet meta waqa' l-*air conditioning unit* fuqha. Kompla jgħid li dak il-ħin kulma ra kienet daħna, u lill-attur, lil Migneco u lil Penza mal-art, bl-attur li kien weġġa' sew tant li ttieħed il-poliklinika. Ix-xhud żied jgħid li għall-biċċa xogħol tal-qlugħ tal-*unit* Penza u Buhagiar suppost li kellhom *hydraulic jack* bħalma jintuża fis-suffitti. Ix-xhud żied jgħid li wara li seħħ dan l-inċident, il-konvenut Penza kien talab lilu u lil Edward Migneco jgħinuhom itellgħu l-apparat il-ġdid, u dan sar permezz tal-użu ta' xi ħbula, filwaqt li l-*unit* ittella' bejn erba' min-nies. Ix-xhud qal ukoll li biex tniżżel l-ewwel *unit* ma kinux intużaw ħbula.

Fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2018 sar il-kontroeżami tal-konvenut **Joseph Mohnani**[39], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident l-attur u Edward Migneco kienu qegħdin jaqilgħu s-suffitt, u hekk kif waslu fil-parti fejn kien hemm l-*air conditioning* dawn ħarġu 'l barra sabiex l-*iscaffolding* jagħmlu użu minnu l-konvenuti Penza u Buhagiar. Ix-xhud ikkonferma li Penza u Buhagiar kienu talbu l-assistenza tal-attur u sħabu għax ma setgħux jaqilgħu l-*air conditioning unit* bejniethom. Qal li hu ma jafx Penza u Buhagiar x'għodda kellhom magħhom sabiex setgħu jaqilgħu l-*air conditioning unit,* u żied jgħid li hu ma rax ġakkijiet armati fil-ħanut. Qal li wara l-inċident hu mar jakkumpanja lill-attur l-Isptar, u xħin irritorna lura fil-ħanut għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar sab li l-*air conditioning unit* il-ġdid kien diġà twaħħal. Ix-xhud

---
[39] A fol. 392 tal-proċess.

ikkonferma li qabel inbeda x-xogħol, kienet saret laqgħa fil-ħanut tiegħu, u din saret sabiex ix-xogħol kollu jkun jista' jiġi ppjanat. Qal li hu talab li kemm jista' jkun ix-xogħol jinbeda l-Ħamis u jitlesta sal-Ħadd. Żied jgħid li ma jiftakarx jekk fil-preżenza tiegħu sarx xi diskors fir-rigward ta' liema tip ta' *scaffolding* kellu jintuża. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident, hu kien fuq il-post fis-sitta ta' filgħodu, u f'ħin minnhom ħarġu barra hu, Migneco, Zammit u l-attur, meta wieħed mill-persuni li kienu qegħdin jinstallaw il-*unit* tal-*air conditioning* talab għall-għajnuna, għalkemm dak il-ħin hu m'għamel xejn u la ssuġġerixxa li xi ħadd imur jagħti l-għajnuna, u lanqas ma waqqaf lil xi ħadd milli jmur. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li l-ħanut tiegħu mhux kbir, hu ma setax jisma' x'kien qiegħed jiġi miftiehem dakinhar li l-partijiet iltaqgħu biex jiddiskutu u jippjanaw l-andament tax-xogħol.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

F'kawża ta' din ix-xorta l-ewwel indaġni li trid issir mill-Qorti hija dwar jekk u min mill-konvenuti għandu jinżamm responsabbli għal dan l-inċident. Jirriżulta li l-attur korra waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni f'fond li s-sid tiegħu hu l-konvenut Joseph Mohnani. L-attur tqabbad jagħmel dan ix-xogħol minn Mohnani stess. Jidher li xi ġranet qabel inbeda dan ix-xogħol, kienet saret laqgħa fuq is-sit bejn id-diversi kuntratturi li dakinhar li seħħ l-inċident kellhom ikunu qegħdin jaħdmu fil-ħanut ta' Mohnani, u dan sabiex jiġi ppjanat ix-xogħol li kellu jssir. Din il-laqgħa saret fil-preżenza ta' sid il-ħanut stess, għalkemm dan xehed li hu ma ħax parti attiva fid-diskussjoni tant li waqt li saret il-laqgħa hu qagħad fuq ġewwa tal-ħanut jagħmel affarijiet

oħra. L-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attur waqa' minn fuq *scaffolding* li kien intrama fis-sit minnu stess, għalkemm fil-mument meta seħħ l-inċident l-attur ma kienx qiegħed jagħmel ix-xogħol li kien tqabbad jagħmel direttament mill-konvenut Mohnani, iżda kien qiegħed jassisti lill-konvenuti Penza u Buhagiar li kienu qegħdin jaqilgħu *unit* tal-*air conditioning* l-antik minn fuq il-post biex jitwaħħal wieħed ġdid. L-*iscaffolding* inkwistjoni mhux biss kien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni meta beda jintuża, iżda baqa' tajjeb għall-użu saħansitra wara l-inċident, tant hu hekk li jirriżulta li l-konvenuti Penza u Buhagiar reġgħu għamlu użu minnu meta ġew biex jinstallaw l-apparat il-ġdid waqt li l-attur kien qiegħed jingħata l-kura fl-Isptar. Penza u Buhagiar ġew *sub-contracted* mill-konvenut l-ieħor Gavin Sammut Alessi li mingħandu nxtara t-tagħmir tal-ajra kundizzjonata li kellu jitwaħħal fil-ħanut ta' Mohnani. L-ewwel analiżi li trid issir mill-Qorti għalhekk hija dwar ir-rwol li kellu kull wieħed mill-partijiet dakinhar tal-1 ta' Mejju, 2014 u dwar ir-relazzjonijiet ta' bejniethom, sabiex jiġi stabbilit jekk u min mill-konvenuti għandu jerfa' r-responsabbilità għad-danni sofferti mill-attur. F'dan il-punt il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tiċċita dak li ġie stabbilit fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Francis Busuttil *vs.* Sammy Meilaq noe**[40], fejn intqal:

> "Illi la darba din hija azzjoni ta' danni, huwa l-attur li jeħtieġlu jipprova l-fatt dannuż, l-imputabilità ta' dan il-fatt għal min ikun ikkaġunalu d-danni u l-event dannuż emerġenti minn dan il-fatt. Għalhekk f'dan l-istadju huwa neċessarju li jiġi mistħarreġ jekk l-attur issodisfax dan l-oneru ta' prova impost fuqu u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxielu jipprova konkludentement il-ġustifikazzjoni li hu javvanza biex jakkolla l-ħtija fuq il-konvenut."

---

[40] P.A., 09.12.2002.

Jirriżulta li ħadd mill-persuni f'din il-kawża ma hu impjegat direttament ma' xi wieħed mill-partijiet l-oħra. Jirriżulta li minkejja li l-konvenuti Penza u Buhagiar spiss kienu jitqabbdu jagħmlu xogħol ta' installazzjoni ta' apparat tal-arja kundizzjonata mill-konvenut Gavin Sammut Alessi, ir-relazzjoni bejn dawn il-konvenuti ma kinitx waħda ta' impjegat u min jimpjega, iżda ta' sub-appalt li l-konvenut Sammut Alessi kien jagħti lill-konvenuti Penza u Buhagiar kull meta kien jeħtieġlu jinstalla xi tagħmir f'xi post. Madanakollu jirriżulta wkoll li l-ħlas minn min jordna *unit* tal-arja kundizzjonata mingħand Sammut Alessi kien isir kollu lilu, u hu jieħu ħsieb iħallas lil Penza u lil Buhagiar tax-xogħol marbut mal-installazzjoni.

Sa mill-bidu tal-kawża l-attur sostna li l-unika raġuni għalfejn iċċita lil Joseph Mohnani, sid tal-fond fejn seħħ l-inċident, bħala wieħed mill-konvenuti f'din il-kawża, għax kien taħt l-impressjoni li Mohnani kien obbliga ruħu li jipprovdi xi apparat jew tagħmir ieħor li kellu jintuża fis-sit. Madanakollu mix-xhieda kollha prodotti jirriżulta li dan ma kienx il-każ, u l-konvenut Mohnani sempliċiment qabbad għadd ta' appaltaturi jagħmlu xogħol fil-ħanut tiegħu bil-premura sabiex ix-xogħol jitlesta fl-aqsar żmien possibbli sabiex l-andament tan-negozju tiegħu ma jiġix affettwat ħażin b'dan ix-xogħol. Mill-fatti kif ippreżentati u mill-analiżi li għamlet il-Qorti ma jirriżultax li l-konvenut Mohnani b'xi mod għandu jinżamm responsabbli għall-akkadut, għaliex ma kellu x'jaqsam xejn mal-mod kif il-partijiet għażlu li jaħdmu, u lanqas ma kellu xi obbligu li jipprovdi l-armar meħtieġ, u *di più* l-attur korra waqt li kien qiegħed jagħmel biċċa xogħol li ma kinitx parti mill-inkarigu dirett mogħti lilu minn Mohnani.

Mix-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti, jirriżultaw xi diverġenzi li jqajmu dubji dwar il-kredibbilità ta' wħud mix-xhieda li taw il-verżjoni tagħhom tal-fatti quddiem il-Qorti. Hekk pereżempju mhux ċar jekk il-konvenut Mohnani bħala sid il-ħanut ħeġġiġx lill-attur imur jassisti lill-konvenuti Penza u Buhagiar, partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-konvenuti Penza u Buhagiar ċaħdu li huma talbu tali għajnuna mingħand l-attur u sħabu, filwaqt li l-attur sostna li hu kien mar jassisti biss lil Penza u Buhagiar għaliex kienu huma li talbu l-għajnuna tiegħu. Hemm diverġenza wkoll dwar jekk il-ftehim dwar l-użu tal-*iscaffolding* tal-attur intlaħaqx dakinhar li saret il-laqgħa bejn il-partijiet, jew inkella kinux il-konvenuti Penza u Buhagiar li marru jagħmlu x-xogħol fil-ħanut tal-konvenut Mohnani mingħajr ma ħadu l-għodda meħtieġa għax-xogħol tagħom, u waqt li kienu qegħdin jaħdmu talbu li jagħmlu użu mill-*iscaffolding* tal-attur. Diverġenza oħra dwar il-fatti ħarġet meta l-konvenut Penza xehed li biex twaħħal il-*unit* tal-*air conditioning* il-ġdid sar użu minn slielem, filwaqt li l-konvenut Buhagiar xehed li l-*unit* il-ġdid ittella' fuq l-*iscaffolding* li kien intrama aktar qabel mill-attur, wara li nbidlet it-tavluna li kienet inkisret, u wara sar użu mill-ħbula minħabba t-toqol tal-apparat li kien ser jiġi installat. Hu għalhekk li l-Qorti kif spiss tagħmel f'kawżi ta' din ix-xorta, trid tistrieħ fuq il-konvinċiment morali tagħha sabiex wara, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet ta' kif aktarx li seħħew l-affarijiet, tasal għal deċiżjoni dwar it-talbiet li għandha quddiemha.

Minkejja dak li xehdu l-konvenuti Penza u Buhagiar dwar id-dinamika tal-inċident, din il-Qorti tinsab konvinta l-inċident seħħ waqt li huma kienu qegħdin iqaċċtu l-aħħar *stud* li kien qiegħed iżomm l-*air conditioning unit* l-antik f'postu, dan l-i*stud* ma felaħx aktar għall-piż, tqaċċat, u minflok ma nżamm il-*unit* mill-persuni li kien hemm fuq it-tavluna, dan il-*unit* waqa' għal

isfel, qasam it-tavluna min-nofs u konsegwentement kull min kien fuq it-tavluna waqa’ għal isfel. Il-Qorti tqis li mhux verosimili li minkejja li l-persuni li kienu qegħdin fuq it-tavluna kienu fuq it-truf tagħha, din inqasmet proprju min-nofs minħabba li ma felħitx għall-piż tagħhom u tal-apparat li tniżżel fuqha, kif allegaw il-konvenuti Penza u Buhagiar. Il-Qorti tqis mill-provi mressqin quddiemha, li l-konvenuti Penza u Buhagiar ma kinux ippreparati sew għall-biċċa xogħol li kellhom iwettqu. Irrispettivament minn jekk id-deċiżjoni dwar l-użu tal-*iscaffolding* ittiħditx waqt il-laqgħa li saret bejn il-partijiet fid-29 ta’ April, 2014 jew dakinhar stess li kellu jsir ix-xogħol fl-1 ta’ Mejju, 2014, jirriżulta ċar li anki f’termini ta’ *man power,* il-konvenuti Penza u Buhagiar ma kinux armati kif suppost, tant li kien hemm bżonn ta’ assistenza ta’ persuni oħra biex jgħinuhom iniżżlu l-*unit* u jtellgħu dak ġdid. Tant hu hekk jirriżulta li anki wara l-inċident waqt li l-attur kien qiegħed jirċievi l-kura fl-isptar, sħabu Edward Migneco u Vincent Zammit baqgħu fuq is-sit jgħinu lil Penza u lil Buhagiar jinstallaw il-*unit* il-ġdid, din id-darba bl-użu wkoll ta’ ħbula sabiex jiffaċilitaw ix-xogħol u jagħmluh anqas perikoluż. Il-Qorti tqis li jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-mod kif seħħ l-inċident hu frott tan-negliġenza waqt ix-xogħol tal-konvenuti Penza u Buhagiar, u minkejja li dawn xehdu li ilhom snin jagħmlu installazzjonijiet simili u qatt ma kellhom inċidenti, madanakollu f’dan il-każ jidher li x-xogħol ma sarx kif titlob is-sengħa, tant hu hekk li anki apparat li seta’ faċilment jintuża minkejja d-dimensjonijiet tal-post, bħalma hu *hydraulic jack,* ma intużax f’dan il-każ, u kien għalhekk li kienet meħtieġa l-preżenza tal-attur u ta’ persuni oħra fuq l-*iscaffolding*. Jirriżulta wkoll li kien hemm element ta’ negliġenza da parti tal-konvenuti Penza u Buhagiar meta l-*unit* li nqala’ tħalla jserraħ fuq *stud* wieħed, bir-riżultat li dan l-i*stud* tqaċċat u l-*unit* waqa’ għal fuq it-tavluna li nkisret meta ħadet id-daqqa. Il-konvenuti

Penza u Buhagiar allegaw li kien l-attur minn jeddu li mar jassistihom, iżda l-Qorti qieset li hu ferm aktar verosimili li wara li l-attur lesta l-parti tax-xogħol tiegħu u ħa pawsa anki minħabba li l-konvenuti kellhom bżonn jagħmlu użu mill-*iscaffolding*, kienu Penza u Buhagiar li talbu l-assistenza tiegħu għax għal xi raġuni ma setgħux jagħmlu x-xogħol tagħhom waħedhom. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, minn fejn jirriżulta li l-konvenuti Penza u Buhagiar ma ħadmux skont kif jitlobu s-sengħa u l-arti, anzi kienu negliġenti fit-twettiq ta' xogħolhom, il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li huma għandhom jinżammu responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża.

Il-konvenut Gavin Alessi Sammut eċċepixxa li hu mhux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u dan minħabba li hu bejjiegħ ta' apparat tal-arja kundizzjonata u għax-xogħol ta' installazzjoni jieħu ħsieb iqabbad lil terzi, f'dan il-każ lil Penza u lil Buhagiar, li qatt ma kellu għal xiex jaħseb li mhumiex persuni kompetenti f'xogħolhom jew li dawn ma jaħdmux skont is-sengħa u l-arti. Il-konvenut Gavin Sammut Alessi eċċepixxa wkoll li hu m'għandux jinżamm responsabbli għall-inċident minħabba li hu m'għandu l-ebda relazzjoni mal-attur, li kien qiegħed jaħdem fis-sit inkwitjoni fuq inkarigu dirett tal-konvenut Mohnani. F'dan ir-rigward il-Qorti kkonsidrat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula:

> "Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz fuq imsemmi."

Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hu ritenut in kolpa kull min ma jużax il-prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' missier tajjeb tal-familja. L-artikolu 1037 tal-Kap. 16 appena ċċitat huwa mfassal fuq il-prinċipju li:

> "il-persuna li tinkariga persuna oħra li tagħmel xi xogħol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament ħadmet taħt inkarigu tagħha tkun għamlet ix-xogħol b'negliġenza u b'nuqqas ta' ħila skont l-artikolu 1037 tal-Kap. 16. Illi fi kliem ieħor japplika dak ritenut fis-sentenza **Tabib J.R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija** (01.03.1988) fejn ingħad illi, "kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila jew illi ma jkollux ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba nuqqas ta' ħila tagħmel dannu lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz fuq imsemmi."[41]

Huwa ċar għalhekk li l-konvenut Sammut Alessi għandu jwieġeb għan-negliġenza tal-persuni mqabbda minnu biex jeżegwixxu x-xogħol u dan minkejja li min-naħa tiegħu ma kellu ebda relazzjoni diretta mal-attur, ladarba l-persuni nkarigati minnu wrew negliġenza fl-eżekuzzjoni tax-xogħol mogħti lilhom.

Hekk stabbilita r-responsabbilità tal-konvenut Gavin Sammut Alessi, kif ukoll tal-konvenuti Joseph Penza u ta' James Buhagiar għad-danni sofferti mill-attur minħabba fin-negliġenza ta' dawn tal-aħħar waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol tagħhom, jifdal li l-Qorti tgħaddi biex tillikwida l-imsemmija danni.

*Damnum emergens:*

Mill-irċevuti esebiti mill-attur, jirriżulta li d-danni materjali li hu kellu jagħmel tajjeb għalihom konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, jammontaw għal mitejn u Euro u dsatax-il ċenteżmu (€201.19).[42]

---

[41] **Marie Louise Bajada *vs.* Therese Xuereb et**, App. 30.09.2015.
[42] Irċevuti *a fol.* 23 *et seq* u *a fol.* 207 u 208 tal-proċess.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur isostni li huwa sofra danni materjali rappreżentanti telf ta' introjtu għaż-żmien li fih huwa ma kienx qiegħed jaħdem minħabba l-inċident mertu tal-kawża. Il-Qorti tqis però li l-attur naqas li jippreżenta l-aħjar prova f'dan ir-rigward u ċjoè il-Formoli tat-Taxxa fuq l-*Income* u *Self Assessment* tas-snin 2014 u 2015, minkejja li fis-seduta tal-11 ta' April, 2015[43] huwa kien obbliga ruħu li jagħmel dan. Apparti li l-attur naqas li jippreżenta l-aħjar prova għar-rigward tat-telf ta' introjtu li huwa seta' ġarrab fiż-żmien li fih huwa ma kienx qiegħed jaħdem minħabba l-inċident mertu tal-kawża, naqas ukoll milli jippreżenta prospett iddettaljat dwar kif dan it-telf ta' introjtu kellu jiġi kkalkulat, tenut kont tad-dħul li l-attur kellu matul il-perijodu inkwistjoni mill-benfiċċji tal-mard u tal-korriment li huwa pperċepixxa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

*Lucrum cessans:*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[44], ġie ritenut illi:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Middlesea Insurance Company Limited *vs.* Stuart Psaila**[45], li din l-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tiċċita minħabba wħud mis-sottomissjonijiet li tqajmu mill-konvenuti, ġie ritenut illi:

[43] *A fol.* 332 tal-proċess.
[44] P.A., 18.02.2013.

> "Il-fatt illi persuna diżabilitata tkun qiegħda taħdem wara l-inċident, anke jekk qiegħda taqla' iżjed minn qabel, ma jfissirx illi hija ma setgħetx issib opportunitajiet aħjar ta' xogħol kieku ma korrietx. Id-diżabilità neċessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal tagħha għax-xogħol, mhux biss mal-*employer* preżenti iżda wkoll ma' terzi jew anke jekk taħdem għal rasha."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[46], ġie ritenut illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti jirriżulta li l-attur kellu erbgħa u ħamsin (54) sena meta seħħ l-inċident, u li dan sofra debilità permanenti ta' 10% konsegwenza ta' dak li ġara, hekk kif stabbilit mill-espert mediku Mr Massimo Abela. Jirriżulta wkoll li fis-sena preċedenti għal dik li fiha seħħ l-inċident, l-attur kellu qligħ ta' tmint elef, disa' mija u wieħed u sittin Euro (€8,961).

---

[45] P.A., 08.10.2004.
[46] P.A., 27.04.2005.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[47], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili għal tal-każ odjern:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et'**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona vs Asphar**', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**, Appell, 20.07.1994)."

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[48], ġie ritenut illi:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life*.
>
> ...
>
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti

[47] P.A., 25.02.2016.
[48] Q.A., 05.03.1986.

> għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

F'dawn l-aħħar snin l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u f'każ ta' persuni fl-età ta' erbgħa u ħamsin (54) sena, ġie stabbilit li l-*multiplier* għandu jkun ta' 11. Id-dħul nett għas-sena 2013 għandu jiġi aġġustat skont ir-rata tal-inflazzjoni għas-snin kollha tal-*multiplier*[49]*,* sabiex b'hekk il-Qorti ser tkun qiegħda taħdem fuq dħul medju tal-attur ta' €8,961 + €9,907.28 / 2 = €9,434.14.

L-evolviment ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti fir-rigward tal-komputazzjoni li trid issir, li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien tal-proċeduri. Fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Agius et *vs.* All Services Ltd**[50], ġie ritenut mill-Qorti illi:

> "F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (*lump sum payment*) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."

---

[49] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja talinflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

[50] P.A., 02.06.2005.

Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti tqis li ma kienx hemm tali dewmien, u għalhekk il-Qorti mhijiex ser tipprovdi għal ebda tnaqqis mill-imsemmija 20% għal-*lump sum payment*.

Għalhekk is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hija: €9,434.14 x 11 (*multiplier*) = €103,775.54 x 10% diżabilità permanenti = €10,377.55 - 20% (*lump sum payment*) = €8,302.04, li magħduda mad-danni attwali sofferti mill-attur, jammontaw għal <u>€8,503.23</u> (tmint elef, ħames mija u tliet Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu).

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Mohnani li hu mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża, u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;**
2. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Gavin Sammut Alessi, Joseph Penza u James Buhagiar u tqis li huma leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri;**
3. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u filwaqt li tiddikjara li Gavin Sammut Alessi, Joseph Penza u James Buhagiar huma responsabbli *in solidum* għad-danni sofferti mill-attur fl-inċident li seħħ fl-1 ta' Mejju, 2014 fil-fond**

**‘Mariage’, 39, Triq Żakkarija, il-Belt u konsegwentement tillikwida l-istess danni fis-somma ta’ tmint elef, ħames mija u tliet Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€8,503.23);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti Gavin Sammut Alessi, Joseph Penza u James Buhagiar jħallsu *in solidum* bejniethom lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti Gavin Sammut Alessi, Joseph Penza u James Buhagiar *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.